MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 344/2012

**Spinola Development Company Limited**
**C 331**

**Vs**

**Ivan Sedov u Nina Sedov**
**Pass. No. 62No.4105123 u Pass. No. 62No.1926312**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Mejju, 2012 fejn il-hlas fl-ammont komplessiv ta' tlett elef u tmienja u disghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€3,098.75), kwantu ghas-somma ta' mija u disgha u tmenin ewro u tnejn u sittin centezmu (€189.62) rapprezentanti l-hlas dovut ghall-energija minnek ikkonsmat fl-appartament tieghek numru 1673, fi hdan il-Portomaso Complex, Portomaso, San giljan lilek fatturat

bejn il-periodu ta’ bejn Awissu 2011 u Marzu 2012 (vide dok. ‘A’ – anness), kwantu ghas-somma ta’ elfejn tmien mija u erba’ ewro u sebgha u tmenin centezmu (€2,804.87) rapprezentanti l-prezz ta’ common costs dovuti fir-rigward tal-apartament tieghek fuq imsemmi ghas-snin 2011 u 2012 u service charge dovut fir-rigward tal-apartament tieghek fuq imsemmi ghas-sena 2010 (vide Dok. ‘B’ – anness) u kwantu ghas-somma ta’ mija u erba’ ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€104.26) rapprezentanti l-prezz ta’ extras dovuti minnek skond kif jirrizulta ahjar mill-anness prospett li qieghed jigi mmarkat bhala Dok. ‘C’.

Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma precitati indikati fil-fuq imsemmija prospetti (Dokumenti “A”, “B” u “C”) mid-dati tar-rispetti fatturi sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna, kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tal-11 ta’ Jannar, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-11 ta’ Jannar, 2013 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef u tmienja u disghin ewro u hamsa u

sebghin centezmu (€3,098.75) bl-imghax legali fuq is-somma indikati fil-fuq imsemmija prospetti (Dokumenti “A”, “B” u “C”) mid-dati tar-rispetti fatturi sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------